**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 8 ta' Mejju, 2019

Rikors Numru: 100/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfjn u tmienja (2008) (Dok. A), u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal.
2. Illi l-partijiet resqu għal-kuntratt ta' firda personali fl-atti tan-Nutar Dottor Katrin Bartolo datat it-tlieta w għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) (Dok. B).

3. Illi l-partijiet ilhom għal aktar minn erba’ snin mifrudin fattwalment.

4. Illi l-esponenti tissottometti illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

5. Illi m’hemm l-ebda manteniment x’jitħallas bejn il-partijiet.

6. Illi għalhekk dawn il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

Talbet li l-intimat jgħid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat kull fejn hu opportun fl-istess Reġistru.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta’ Frar, 2019;

Rat li l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi ilhom legalment separati għal aktar minn erba` snin u effettivament resqu għall-kuntratt ta’ firda personali fit-23 ta’ Ġunju, 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;